FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D.

TRIBUNAL GHALTALBIET ZGHAR
SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN, 19 TA' FRAR, 1996
AVVIZ NUMRU 76/95 J.R.

R. Von Brockdorff Insurance Agency Ltd., u din rappresentanti s-socjeta' assikuratrici estera Commerical Union Assurance Company plc surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha s-socjeta' Club Limited, u Club Limited

vs

Muscat Joseph

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl- 4 ta' dicembru, 1995, fejn intalab il-hlas ta' danni fil-ammont ta' tmienja u disghin Lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm98.75c) in kwantu ghal Tlieta u sebghin Lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (lm73.75c) dovuti lil R. Von Brockdorff Insurance Agency Limited, u din in rappresentanti s-socjeta' assikuratrici estera Commercial Union Assurance Company plc surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha s-socjeta' Club Limited; u in kwantu ghal Hamsa u ghoxrin Lira Maltija (Lm25) lil Club Limited minnhom subiti in segwitu ghall-incident awtomobilistiku li gara fit- 28 ta' Dicembru, 1994, f'Msida Sea Front, Msida, meta waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura numru F-4800 habat mal-vettura Numru V-6077, proprjeta' ta' Club Limited, prevja dikjarazzjoni li ghall-istess incident kien unikament responsabbli l-konvenut minhabba imprukienza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Ra r-risposta pprezentata mil-konvenut fit-12 ta' Jannar, 1996 fejn eccepixxa li t-talbiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess atturi bilii l-kollizjoni e quo grat minghajr htija jew nuqqas tal-ecipjent; u inoltre li d-danni pretizi mill-attur huma ezagerati;

Semgha x-xhieda tas-Surgent PS78 Joseph Cremona, Steve Conti, John Callus u tal-konvenut Joseph Muscat; ha konjizzjoni tad-dokument ezebit u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz; u wara li semgha d-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz;

Ikkunsidra:

li l-kawza odjerna tikkoncerna incident awtomobilistiku li gara fit-28 ta' Dicembru, 1994 f'Msida Sea Front, Msida, bejn il-vettura numru F-4800 misjuqa mil-konvenut u l-vettura numru V-6077 misjuqa mill-assikurat tal-kumpanija assikuratrici. Iz-zewg vetturi kienu mexjin fid-direzzjoni tal-Msida. Jirrizulta mill-okkorrenza Dok AA li s-sewwieq tal-vettura V-6077 jismu Carmenu Borg.

Illi mil-isetch Dok A ezebit mis-Surgent PS78 Joseph Cremona jirrizulta li l-vetturi spiccaw kif muri, cioe' il-vettura V-6077 fuq quddiem, u mahbuta go fiha bi dritt ezatt warajha l-vettura F-4800.

Illi l-konvenut qed jghid li ma hux rsponsabbli ghax is-sewwieq tal-vettura V-6077 hasdu meta qala minn gewwa u zamm "Brake" quddiemu. Allega li dana kien mghaggel tant li wara li habtu dana mar jaghmel telefonata. Qal ukoll li s-sewwieq ried jirranga bl-assikurazzjoni.

Illi ma jirrizultax li kien hemm "brake marks" fiil-post fejn gara l-incident, u inoltre mix-xhieda jirrizulta li f'dak il-hin kien hemm it-traffiku. Illi ghalhekk Borg, ma setghax kien ghaddej b'velocita'. Apparti dan meta saret il-kollizjoni Borg kien gja bid-dritt fil-karreggjata tal-konvenut, u li kieku saret il-manuvra li qed jallega l-konvenut il-vetturi ma kienux jispiccaw kif muri l-isketch.

Illi jirrizulta li fil-mument qabel ma grat il-kollizjoni in kwistjoni l-konvenut ma kienx qed izomm " aproper lookout" ghax kieku dan kien verament attent, u mehud in konsiderazzjoni l-fatt li l-vetturi ma kienux mexjin b'velocita', dana kien ikollu hin bizzejjed biex iwaqqaf.

Ghaldaqstant jirrizulta li responsabbli ghall-incident kien il-konvenut.

Illi dwar il-kwantum tad-danni xehed Steve Conti, Claims Manager mad-ditta attrici li pprezenta l-"Final Discharge Form" Dok E. Dana qal li kien gie infurmat bl-incident fit-3 ta' Jannar, 1995 u li f'Marzu 1995 sar survey fuq il-vettur V-6077, mill liema rrizulta li l-bumper underskirt" kellu jigi mibdul. Kienu thallsu sitt liri Maltija (Lm6) ghas-"survey report". Qal li damet ma ssewwit peress li ma kienx hawn dik s-"spare part". Huwa qal ukoll li seta jikkonferma li kien hemm dawk id-danni ghax kien rahom hu stess wara li saret il-"claim".

Illi s-surveyor John Callus, ikkonferma li kien ezamina l-vettura V-6077 fl-24 ta' Marzu, 1995 u sab li kien

hemm l-iskirt ta' taht il-bumper maqsum. Dana kellu bzonn jinbidel u ma setax jirranga ruhu. Qal li apparti l-"part" kien hemm Sitt Liri Maltija (Lm6) tal-"labour", Sitt Liri Maltija (Lm6) tas-"survey" u Disgh-in centezmu Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

Jigi rilevat illi jekk id-ditta assikuratrici naqset meta din damet ma baghtet surveyor, daqstant naqas il-konvenut li ma marx ghand l-assikurazzjoni tieghu. Ma hemmx raguni l-ghala wiehed m'ghandux jogghod fuq dak li qal is-surveyor li jikkonferma dak li sab il-"Claims Manager" fl-ewwel lok, u f'dan il-kaz ma jirrizultax li t-tardivita' biex issir s-survey effettwat b'xi mod l-entita' tad-danni.

It-total tad-danni jirrizulta mil-invoice Dok F bhala ammontanti ghall-tmienja u tmenin Lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm88.75c). Ma dawn iridu jizdiedu s-Sitt Liri Maltija (Lm6) u disghin centezmu (Lm6.90c) tas-"survey report" piu V.A.T.u t-Tlett Liri Maltija, (Lm3) tal-isketch u "road accident report", li jgibu total ta' tmienja u disghin Lira Maltija u hamsa u sittin centezmu (Lm98.65c).

Jiddeciedi illi:

jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' Tmienja u disghin Lira Maltija u hamsa u sittin centezmu (Lm98.65c)

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-ligi.

Dr Joseph Refalo LL.D.
Gudikatur.

Vera kopja fotostatika

Dep. Reg.